MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 74/2009

**Dottor Ivan Barbara u martu Rosanne Barbara Zarb**

**vs**

**Leslie u Susan konjugi Muscat u b'nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datata 5 ta' Ottubru 2009 gie mahtur Dr. Martin Fenech bhala Kuratur Deputat ghan-nom ta' Leslie Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat li nhar it-3 ta' Marzu 2009 l-atturi pprezentaw rikors fir-registru ta' din il-Qorti fejn talbu lil din il-Qorti, previa dikjarazzjoni tal-atturi li l-konvenuti huma debituri taghhom fl-ammont ta' hdax-il elf tlett mija w hamsa w sebghin Ewro (€11,375), tordna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma

komplessiva ta' hdax-il elf tlett mija w hamsa w sebghin Ewro (€11,375) rapprezentatni ammont ta' flus indebitament imhallas lilhom minnhom ghal xoghlijiet li l-

konvenut Leslie Muscat kellu jespleta fuq l-inkarigu taghhom ai termini ta' skrittura privata datata erbatax (14) ta' Jannar 2008, u li fil-fatt naqas li jaghmel.

Bl-ispejjez u bl-imghax b'effett mid-data tal-prezentata tar-rikors sad-data tal-pagament effettiv, kontra taghhom li huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Susan Muscat kif prezentata fl-atti nhar it-13 ta' Jannar 2010 (fol. 15) li permezz taghha esponiet is-segwenti:-

"*Illi it-talbiet attrici fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghar-refuzjoni tas-somma imsemmija l-esponent bl-ebda mod ma hija rsponsabbli u dan kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza*."

Rat ir-risposta ta' Dr. Martin Fenech fejn espona is-segwenti:-

"*Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirriserva li jipproduci risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti*."

Illi nhar id-19 ta' Ottubru 2010 (fol. 24) deher Dr. Mark Simiana ghall-atturi li pprezenta nota b'affidavit tal-perit

**Ronald Muscat Azzopardi.** Dan jispjega illi huwa kien gie nkarigat min-Nutar Ivan Barbara sabiex isegwi, jissorvelja w jaghti struzzjonijiet fuq xoghol t'appalt f'sit f'Hal Tarxien, kantuniera bejn Triq is-Sorijiet u Triq Santu Wistin, konsistenti f'bini ta' livell ta' garages *street level* u bini ta' tliet sulari sovrastanti.

Kien gie nfurmat li l-bennej kien certu Leslie Muscat li hu qatt ma kien iltaqa' mieghu qabel. Jghid li l-kostruzzjoni tal-bini kienet bdiet f'Dicembru 2007 u kienet tikkonsisti fit-twaqqiegh tal-garage gja ezistenti, thammil u tqieghid tal-platform (foundations), liema sisien tlestew f'Jannar 2008. It-total tal-ispejjez kienu jammontaw ghal €9461 – li fuqhom kellu jithallas l-ammont ta' €2077 VAT, ghal-liema ammonti ta' VAT il-konvenut qatt ma pprezenta ricevuta.

Jghid li wara beda tiela l-ewwel sular, konsistenti fil-livell ta' garages, u dan tlesta wkoll bl-ispejjez jammontaw ghal €8709 li fuqhom kellu jithallas l-ammont ta' €1911 VAT, ghal-liema ammont ukoll il-konvenut Leslie Muscat qatt ma pprezenta ricevuti.

Finalment kien gie mghafraf mis-sid li l-bennej kien qed ibiegh l-ghodda minn fuq il-lant tax-xoghol u li ma kienx ser jirritorna fuq is-sit sabiex ikompli bix-xoghol tieghu.

Illi wara xi gimgha minn dan kollu kienu gew l-ufficcju tieghu is-sid flimkien mal-bennej u huwa pprova jfiehem lill-

bennej li s-sid kien hareg aktar flus mili x-xoghol kien jirrikjedi sa dak iz-zmien u l-bennej kien qallu li kien ser jikkuntattja l-Perit tieghu. Madankollu jghid li huwa ma kienx jaf min kien il-Perit tieghu u lanqas qatt ma kien gie avvicinat minn xi perit fuq din il-kwistjoni.

Huwa zamm spezzjoni fuq is-sit imsemmi w seta' josserva li fil-fatt il-bennej (Leslie Muscat) kien telaq ix-xoghol fil-livell ta' kostruzzjoni tat-tieni sular, u cioe' kien lahaq tella xi erba' filati ta' bricks f'dan is-sular, bit-total ta' spejjez jammonta ghal €300 inkluz il-VAT.

Illi wara li l-bennej ma kompliex bix-xoghol tieghu, u dan wara xi hames xhur meta l-ewwel bennej telaq ix-xoghol, huwa gie mgharraf mis-sid li kien ser iqabbad bennej iehor li kien lest li jkompli bix-xoghol kif fil-fatt ghamel.

L-attur **Dr. Ivan Barbara** xehed nhar id-19 ta' Ottubru 2010. Dan spjega li fis-sena 2006 huwa kien xtara proprjeta' f'Hal Tarxien u li xi sena wara kien avvicinah klijent tighu u kien qallu li kien jaf bennej li seta' jizviluppalu l-proprjeta' li kien xtara. Huwa wasal sabiex jaghmel ftehim mal-konvenut Leslie Muscat, li effettivament beda bix-xoghol.

Jghid li l-konvenut beda bix-xoghol ta' kostruzzjoni f'Dicembru 2007 u baqa' sejjer ghat-tliet xhur ta' wara u waqt li kien qed jahdem kien qed jitolbu l-pagamenti u

huwa kien ihallsu w fil-fatt esebixxa kopja tac-cekkijiet li tah.

Jikkonferma li kien ghamel kuntratt mal-konvenut u huwa esebixxa kopja tieghu li giet immarkata bhala Dok CSH.

Sussegwentement sar jaf li l-bennej kien qed ibiegh l-ghodda li kellu u dan minn fuq il-lant tax-xoghol u hu kien mar fuq il-post u ma sab lil hadd salv lil hu l-bennej li baqa' jhallsu sa l-ahhar tax-xahar. Jghid li huwa kien insista mal-konvenut sabiex imorru ghand il-Perit tieghu Ronald Muscat Azzopardi sabiex jaghmel stima ta' dak li effettivament kien lahaq sar, u dan hekk ghamel, u pprezenta kopja taghha li giet markata bhala Dok CSH 1. Il-perit fil-presenza tieghu spjega lill-konvenut li kien ghamel pagamenti aktar minn dawk li kienu dovuti. Il-konvenut qallu li kien ser jaghmel kuntatt mal-Perit tieghu, pero' ma sema' xejn aktar minnu. Huwa esebixxa kopja tac-cekkijiet li kien ghadda lill-konveut li gew immarkati bhala Dok CSH 2. Jghid li wiehed minn dawn ic-cekkijiet kien inhareg f'isem Maria Camilleri u dan fuq istruzzjonijiet moghtija lilu mill-istess konvenut Muscat.

Qal li darba minnhom kien mar ifittex lill-konvenut gewwa l-Mellieha fejn kellu restaurant ma' martu l-konvenuta Susan Muscat, u din qaltlu, wara li spjegalha dak li gralu, li lanqas hi ma kienet taf fejn kien.

Huwa kkonferma li qed jippretendi r-rifuzjoni tas-somma ta' hdax-il elf tlett mija w hamsa w sebghin Ewro li kien ta lill-konvenut ghax-xoghol li kellu jaghmel, liema xoghol effettivament ma sarx, u b'hekk gie li huwa hallsu ghal xejn.

Nhar is-16 ta' Novembru 2010 Dr. Simiana ghall-atturi pprezenta nota li permezz taghha pprezenta kopja tal-ftehim li kien hemm vigenti bejn l-atturi w il-konvenut. Dan gie mmarkat bhala Dok A. (fol. 44).

Il-konvenuta **Suzanne Muscat** xehdet nhar il-15 ta' Dicembru 2010 u spjegat li l-konvenut Leslie Muscat huwa zewgha, pero' kien telaq mid-dar xi tlett snin qabel ma

xehdet. Tghid li effettivament kien abbanduna kemm lilha kif ukoll it-tliet ulied taghhom. Tghid li hija tafu jahdem bhala *chef* f'restaurant fil-Mellieha. Ikkonfermat li bejnha w bejn zewgha kien hemm diversi problemi li kienu ilhom li bdew. Ikkonfermat li kienu jghixu fi proprjeta' ta' missierha fil-Mellieha, u li ma tafx fejn mar jghix zewgha meta telaq mid-dar, u lanqas ma taf xejn dwar ix-xoghol li kien qed jaghmel ghand l-attur. Spjegat li dakinhar tax-xhieda taghha kien hemm ezistenti bejnha w bejn zewgha s-separazzjoni tal-assi.

Illi nhar it-22 ta' Frar 2011 Dr. Martin Fenech iddikjara li ghalkemm huwa kiteb lill-konvenut Leslie Muscat fl-ahhar indirizz li gie moghti lilu mill-konvenuta Suzanne Muscat, dan ma kkomunika qatt mieghu.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta, minn dak li xehed l-attur, li huwa hallas is-somma ta' hdax-il elf, tlett mija w hamsa w sebghin Ewro (€11,375) lill-konvenut Leslie Muscat ghal

xejn, u dan ghaliex kien tah dan l-ammont permezz ta' diversi cekkijiet li kopji tghhom jinsabu esebiti fl-atti, ghal xi xoghol li kellu jaghmel skond skrittura private, wkoll esebita fl-atti. Gara pero' li l-konvenut m'ghamel xejn minn dak li kien obbliga ruhu li jaghmel fl-iskrittura w ghalhekk l-attur qed jitlob rifuzjoni tal-flus imhallsa ndebitament lill-konvenut.

Jirrizulta minn dak li xehed il-Perit Muscat Azzopardi, li huwa pprova jikkomunika mal-konvenut u jispejgalu li effettivament kien thallas iz-zejjed, stante li ma kienx ser ikompli bl-inkarigu tieghu, u li ghalhekk kellu jirrifondi parti mill-flus li kien ircieva minghad l-attur. Allegatament il-konvenut kien baqa' mieghu li kellu jkellem lill-Perit tieghu, pero' provi aktar dwar dak li gara, m'hawnx fil-process. Illi l-konvenut ma deherx u fl-ebda hin ma kkontesta dak li qal l-attur jew ix-xhud tieghu il-Perit Ronald Muscat Azzopardi.

Il-konvenuta min-naha l-ohra tammetti li hija mart il-konvenut Leslie Muscat, pero' tghid li dan kien abbandunaha w ma kienet taf xejn dwaru w lanqas dwar ix-xoghol li kellu jaghmel ghand l-atttur. Fl-ebda hin ma tichad dak li qal l-attur pero', tghid li ma kienet taf xejn. Tghid ukoll li dakinhar tax-xhieda taghha hija kellha s-separazzjoni tal-assi bejnha w bejn zewgha, pero' meta din sehhet ma jirrizultax mill-process, stante li l-kuntratt qatt ma gie esebit. Jinghad li mill-atti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar il-fatt li l-attur effettivament kien hallas zejjed.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-**artikolu 1021** tal-Kodici Civili jrid li "*kull min jircievi, sew xjentement jew bi żball, ħaga li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni civili w lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li mingħandu jkun irceviha bla jedd*".

Imbagħad l-**artikolu 1023** jgħid li "(1) *Dak li mingħajr jedd ikun ircieva l-ħlas ta' somma ta' flus għandu, jekk ikun għamlu b'malafidi, irodd sew il-kapital kemm ukoll l-imgħaxijiet minn dakinhar tal-ħlas. (2) Iżda jekk ikun għamlu b'bona fidi, mhux obbligat irodd ħlief il-kapital biss".*

L-**artikolu 1147(1)** jipprovdi li "*Kull ħlas jissopponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura*".

Din l-aħħar dispożizzjoni titqies li tgħodd għall-każ ta' indebitu oggettiv.

Illi l-każ li l-Qorti għandha quddiemha jirreferi għal dak li jiddisponi l-**artikolu 1022** tal-Kodici Civili. L-imsemmi artikolu jagħti l-jedd lil min iħallas dejn, li bi żball jaħseb li għandu jħallas, li jigbor lura dak il-ħlas. Marbut ma' din ir-regola wieħed imbagħad isib dik l-oħra li trid li min bla jedd ikun ircieva l-ħlas ta' somma flus għandu jroddha lura u jekk, biex ircieva dak il-ħlas ikun għamel dan

bil-ħażen, għandu jrodd ukoll l-imgħaxijiet minn dak inhar li

jkun ircieva dak il-ħlas mhux mistħoqq (**Art. 1023 tal-Kap 16**).

Illi l-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum gie trattat *in funditus* fis-sentenza moghtija ricentement fis-26 ta' April 2010 fl-ismijiet **Salvatore u Audrey konjugi Demanuele vs David Coleiro** u jirreferi għal dak magħruf bħala indebitu oggettiv (Ara **A. Torrente *Manuale di Diritto Privato*** (Giuffre', 9a. Ediz,) § 386, pagina 632 – 3). Ir-regola tal-ligi dwar ir-radd lura ta' dak li jkun ingħata bla mistħoqq tibqa' tgħodd minkejja li min ircieva l-ħlas kien jemmen li kellu jedd għalih, għaliex il-mala fidi ta' min ikun ircieva l-ħlas tgħodd biss biex wieħed iqis kemm għandu jrodd lura lil dak li jkun wettaq il-ħlas (P.A. GCD **26 t'Ottubru 2001** fil-kawża fl-ismijiet **Accountant General et vs Frances Agius*)***;

Illi għalhekk, tkun mistħoqqa wkoll l-azzjoni għar-radd lura tal-ħlas indebitu fejn jirriżulta li l-ftehim li bis-saħħa tiegħu ikun sar ħlas bħal dak ikun, għal xi raguni maħsuba fil-ligi, null jew b'mod ieħor vizzjat (Kumm. **11 t'April, 1961** fil-kawża fl-ismijiet **Grech vs Abela** (Kollez. Vol: **XLV.iii.782**). Kemm hu hekk jinsab imfisser li "*L'azione di ripetizione d'indebito oggettivo, in quanto ha per unica effettiva base l'assoluta inesistenza dell'obbligazione che il solvens ha materialmente adempiuto col pagamento non dovuto, non e` in sostanza che un'azione di nullita` per mancanza di causa, che ha per presupposto la mancanza dell'accipiens del diritto*

*di acquistare il bene o il valore patrimoniale trasmessogli dal solvens, prescinde dal verificarsi del danno ed ha natura autonoma e principale*" (Cass. **30.12.1970,** nru. 2748).

Fuq kollox, azzjoni bħal din hija waħda personali li tista' ssir biss kontra dik il-persuna li mingħandha jintalab ir-radd lura tal-ħlas imwettaq (**Caruana Galizia *Notes on Civil Law – Of Obligations***, pagna. 3);

Illi huwa principju accettat ukoll li l-azzjoni tar-radd lura tal-ħlas mhux mistħoqq tista’ titressaq ukoll fejn, għalkemm xi ħlas kien mistħoqq, ikun tħallas aktar mill-ammont tassew dovut (App. Civ. **5 t’Ottubru, 1998** fil-kawża fl-ismijiet **Azzopardi et noe vs Ciantar noe et** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.790**). Illi l-attur jafferma li din hija l-qagħda li ssib quddiemha l-Qorti f’dan il-każ tal-lum.

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ħlas lura tal-indebitu jeħtieg li jirriżultaw flimkien tliet elementi jigifieri: (a) il-ħlas, (b) in-nuqqas tal-kawża għal dak il-ħlas, u (c) l-iżball ta’ min wettaq il-ħlas, u dan għaliex jekk min ħallas kien jaf li ma kienx hemm għalfejn iħallas, wieħed għandu jqis li kellu f’moħħu li jagħmel att ta’ liberalita’ (P.A. PS **16 ta’ Dicembru, 2002** fil-kawża fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta vs Renato Sacco.** Jekk kemm-il darba jonqos xi wieħed minnhom, l-azzjoni taqa’ (P.A. **25 ta’ Mejju, 1954** fil-kawża fl-ismijiet **Bianco vs Pellegrini Petit** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.483**), u l-piż tal-prova tal-eżistenza ta’ dawn l-elementi jaqa’ fuq min

jallega li jkun ħallas bla mistħoqq (Mag. (Għ) AE **25 ta’ Jananr, 2008** fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Refalo et vs Roger Xuereb**. Iżda fid-dawl ta’ dak li jiddisponi l-**artikolu 1147** tal-Kodici Civili, hemm il-fehma li lanqas huwa meħtieg li s-*solvens* jipprova l-iżball fejn l-indebitu jkun wieħed oggettiv (P.A. PS **12 t’ Ottubru, 2005** fil-kawża fl-ismijiet **Maria Galea vs Grace Borg** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**29 ta’ Frar, 2008)**. F’dak il-każ, jaqa’ fuq il-parti attrici li tipprova biss il-ħlas u kif ukoll l-ineżistenza tal-kawża li wasslitha biex tagħmel dak il-ħlas.

Illi minħabba li l-għan ta’ din l-azzjoni huwa wieħed li jintegra l-patrimonju ta’ min ikun ħallas bla ma kellu għalfejn, (Ara per eżempju, P.A. GV **3 t’Ottubru, 2007** fil-kawża fl-ismijiet **Charles Ellul Sullivan noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana** (mhix appellata), hemm fehma li dik l-azzjoni ma tistax tirnexxi jekk kemm-il darba min jippretendi r-radd lura ta’ ħlas minnu magħmul ikun diga’ b’xi mod ieħor tħallas lura (24 P.A. RCP **2 t’Ottubru, 2001**

fil-kawża fl-ismijiet **<u>Paolo Bonnici Ltd. vs il-Kontrollur tad-Dwana</u>).**

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-konvenut ircieva ammont ta' flus meta ma kienx intitolat ghalihom, stante li x-xoghol li kien obbliga ruhu li jaghmel m'ghamlux, u tant ma kellux intenzjoni li jaghmlu li sahansitra anke biegh, bi sfida lejn l-istess attur, l-ghodda li kellu tax-xoghol minn fuq il-lant tax-xoghol tal-attur.  Illi ghalhekk ai termini tal-artikolu fuq citat,

m'hemmx dubbju li l-konvenut Leslie Muscat ghandu jirrifondi lura s-somma mhallsa indebitament flimkien mal-imghax relattiv.

Dwar jekk ghandhiex tirifondi lura l-flus ukoll il-konvenuta Suzanne Muscat, jinghad li fil-mument meta rcieva l-flus il-konvenut, huwa kien mizzewweg lill-konvenuta w bejniethom ma kienx hemm vigenti separazzjoni tal-assi.

L-**artikolu 1321** tal-Kodici Civili jiddisponi s-segwenti:-

*"Il-beni kollha li l-mizzewgin ikollhom jew parti minnhom kollha, jitqiesu li jghamlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunux ippruvat xort'ohra".*

Illi ghalhekk la l-obbligazzjoni li ghamel il-konvenut Leslie Muscat ma kinitx wahda minn dawn l-atti straordinarji li ma setax jaghmel minghajr il-kunsens tal-mara, allura l-konvenuta fid-dawl tal-principju stabilit fl-**artikolu 1321** tal-Kodici Civili, hija daqstant responsabbli ghar-rifuzjoni tal-flejjes mitluba mill-atturi.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qieghda tilqa' t-talba attrici b'dan illi tiddikjara li verament l-atturi hallsu l-ammont ta' hdax-il elf tlett mija w hamsa w sebghin Ewro (€11,375) lill-konvenut indebitament, u ghalhekk tilqa' t-talba attrici sabiex tikkundanna lill-konvenuti sabiex *in solidum***

**bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma mitluba mill-istess atturi fir-rikors promotur fl-ammont ta' hdax-il elf tlett mija w hamsa w sebghin Ewro (€11,375) bl-imghax skond il-ligi.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza huma wkoll a karigu tal-konvenuti *in solidum*.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------